# SHAB . . .

*Ta'* C. Cassar

*(Waqt attakk mill-ajru)*

Harist fis-sema. Shab mudlam sewdieni
Kien johnoq ġmiel u difa. L-ebda dija
Ma timrah l-għajn ta' kwiekeb imbikkija:
Donnu ġġedded il-jum tad-dnub ewlieni.

Mid-dlamijiet ta' l-art, dawl twil qalbieni
Jidher jitliegħeb; jgħarrex fit-tfittxija
L-għadu qalil, ta' ħsejjes qerredija
Li jnisslu l-biża' u 'l ħadd ma jħallu hieni.

Shab iehor ikreh nara jien madwari
Jitħabbel miegħi u jtaqqalli 'l qalbi;
Ifakkarni fl-imrar li ħassejt dari.

U moħħi jogħla 'l fuq, fejn qtajja' qtajja'
Jimirħu l-ħsibijiet, 'ma xewqat talbi
Ifittxu d-dawl waħdieni—id-dawl ta' ħajja!